**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister at Law (England & Wales)**

**Illum id-29 ta' Ottubru 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Lydon Zammit**

**Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**Vs.**

**Kane Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat talli:

1. Talli fid-29 ta' Lulju 2019 għal ħabta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofs in-nhar, irrendejt ruhek komplici f'serqa ta' tmienja u erbghin

elf disgha mija u tnejn u disghin Euro (48,992Euro) minn ġewwa l-istabiliment bl-isem ta' Burger Ink li jinsab gewwa il-kumpless Is-Suq li jinsab gewwa Triq il-Merkanti, Valletta liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-dannu ta' Daniel Borg Cardona u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra. *Artikoli 261(c), 267, 279(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u crkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Kriminali Imhallef Dr. Edwina Grima LLD fid-digriet taghha tas-7 ta' April 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u crkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Monica Vella LLD fid-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2018 li bih tat il-helsien mill-arrest. *Artikoli 579(1)(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti ipprezentati mill-Prosekuzzjoni: (i) certifikat tat-twelid tal-imputat, Dok FF1, (ii) fedina penali ta' l-imputat, Dok FF2, (iii) CD bl-*audio visual statement* tal-imputat, Dok FF3, (iv) rapport tal-incident, Dok FF4, (v) rapport rigward il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JYL 162, Dok FF5; (vi) rapport tal-probation, Dok DF1; (vii) inkjesta.

Rat id-dokumenti pprezentati mix-xhieda u cioe Dok NC1 u Dok GD1.

Semghet lil-imputat iwiegeb li huwa hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkondeditilhom zmien bizzejjed biex jirrikonsidraw t-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li fid-dawk ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma' hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. L-akkużi għalhekk huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat id-digriet[1] tal-Qorti data 17 ta' Frar 2020 fejn il-Qorti cahdet it-talba tad-difiza ghall-konverzjoni f'Qorti dwar id-Droga;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jirrelata ghal serqa li saret gewwa l-istabbiliment Burger.Ink nhar id-29 ta' Lulju 2019 li jinsab gewwa l-kumpless Is-Suq, fil-Belt Valletta. Illi s-serqa kienet saret bil-komplicita ta' l-imputat li serva bhala xufier izda li jirrizulta li kien il-mohh warajha. Flimkien ma' persuni ohra u bl-involviment ta' l-imputat insterqu tmienja u erbghin elf, disgha mija u tnejn u disghin Euro (€48,992). L-imputat dak in-nhar kien ippanja ma persuni ohra kif ghandha ssir is-serqa u li r-rwol tieghu kien li jikkordina mal-persuna involuti u waqt is-serqa kien qieghed jistenna gewwa karozza mixghula tal-ghamla Peugeot u bin-numru ta' registrazzjoni JLY 162 sabiex imbaghad jaharbu minn fuq il-post. Il-persuna li kien seraq il-flus minn gewwa l-istabiliment rikeb go din il-karozza ma' l-imputat li kien qed jistennieh u flimkien harbu bil-flus.

Illi flimkien ma' din l-imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali Imhallef Dr. Edwina Grima LLD fid-digriet taghha tas-7 ta' April 2016 li bih tat il-helsien mill-arrest kif ukoll li naqas milli jhares il-kundizzjonijiet impost

[1] Folio 186-193 ta' l-atti processwali

fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Monica Vella LLD fid-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2018 li bih tat il-helsien mill-arrest.

**Ikkunsidrat:**

Illi **b'ammissjoni inkondizzjonata u volontarja ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tal-31 ta' Lulju 2019** din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Illi fl-istess seduta tal-31 ta' Lulju 2019, l-imputat ghamel talba sabiex jigi imhejji *pre-sentencing report* skont l-artikolu 6 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Settembru 2019 l**-ufficjal tal-probation pprezenta dan ir-rapport bir-rakkomdazzjoni espressa li l-imputat ghandu jinghata sentenza ta' prigunerija effettiva**. L-ufficjal tal-probation informat lill-Qorti wkoll li l-imputat, fi zmien tar-rapport, kien qed jigi segwit fuq tliet ordnijiet ta' supervizjoni ohra quddiem tliet gudikanti ohra, kollha relatati ma' serq.

Il-Qorti semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li kkoopera mal-pulizija limitatament safejn kien jikkoncerna l-interessi tieghu, izda madankollu waslu sabiex tressaq l-ko-awtur kif ukoll li gie rritornat parti mir-rikavat li kien insteraq.

Il-Qorti semghet ukoll illi fil-bidu tal-proceduri l-prosekuzzjoni kienet lesta tikkonsidra piena alternattiva ghal inkarcerazzjoni, izda wara li rat li l-imputat kien il-mohh wara s-serqa, li baqa' ma rritornax il-flejjes kollha misruqa u li ma kkoperax bis-shih mal-pulizija, anzi prova jqarraq fl-investigazzjoni, ikkondividiet il-fehma tal-ufficjal tal-probation, ossija li piena ta' inkarcerazzjoni kienet l-iktar piena idoneja tenut kont ic-cirkostanzi kollha ta' dan is-serq aggravat.

Il-Qorti semghet ukoll is-sottomissjonijiet tad-difiza fejn gie imtenni li l-imputat wera dispjacir ta' dak li kien gara, kien ghen u assista lill-pulizija biex jirkupraw parti mir-res furtiva u kien identifika l-ko awtur l-iehor involvut fir-reat.

Il-Qorti semghet ukoll il-parte leza tixhed li filwaqt li ma haditx il-flus lura li nsterqu, hadet parti minnhom lura u illum il-gurnata qed tahfer lill-imputat minkejja id-dispjacir ghall-fatt li r-reat sehh meta kien qed jircievi kura medika.

Il-Qorti semghet ukoll mill-abbli difiza ta' l-imputat li l-imputat kellu trobbija difficli, ommu kienet tbati minn vizzji u kellu diffikultajiet fl-edukazzjoni tieghu minhabba kundizzjonijiet medici li gew mgharrfa meta sar adult.  L-imputat kellu relazzjonijiet instabbli mal-genituri tieghu li affettawh fis-snin waqt li kien qed jikber u kien essenzjalment imrobbi min-nanniet paterni tieghu.

Illi l-Qorti semghet li l-imputat ghamel dak kollu li seta tul dan il-perjodu minn meta ammetta l-involviment tieghu biex jindirizza d-diffikultajiet li kien qed jaffaccja f'hajtu, kif gie ikkonfermat mix-xhieda li tressqu mid-difiza.  Jirrizulta li huwa beda programm ta' riabilitazzjoni u f'dan il-

perjodu ta' zmien sar ukoll missier u certament dan kollu juri tama li dawn il-proceduri u s-serjeta' taghhom nisslu fih certu gharfien u hsieb fuq kif jixtieq imexxi hajtu. Is-suggeriment tad-difiza huwa, fil-fatt, li fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ghandha tikkunsidra piena alternattiva ghall-inkarcerazzjoni effettiva.

Finalment il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-fedina penali ta' l-imputat li fiha hemm registrati tlett sentenzi.

Madankollu, fil-waqt li l-Qorti tfahhar il-progress li ghamel l-imputat fir-relazzjonijiet tieghu ma' familtu, l-issokktar tal-programm ta' riabilitazzjoni, u l-fatt li beda jindirizza t-trobbija difficli li kellu, dan kollu ma jistax jezonera lill-imputat milli jerfa r-responsabilita ta' ghemilu u ihassar ir-reat li sar.

Il-ligijiet u n-normi tas-socjeta' qeghdin hemm biex iharsu lil kulhadd u jaghtu protezzjoni u garanziji lil kull min hu ta' rieda tajba u cittadin tajjeb sabiex ikollu l-garanzija li l-hajja li jghix ta' kuljum hija protetta.

Ir-reat li fih kien involut l-imputat ma kienx semplicement wiehed ta' serqa zghira, imma serqa aggravata minn stabbilment fl-ammont ta' kwazi disgha u erbghin elf Euro. Jirrizulta li s-serqa kienet ppjanata u mahsuba mill-istess imputat u fl-ahhar minn fl-ahhar twettqet, insterqu kwazu €49,000 li parti minnhom baqghet ma gietx ritornata. Il-Qorti jidhrilha li, stabbilit li l-imputat ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa, dik ir-responsabilita u dak l-agir irid jigi punit. Li kieku dan ma jsehhx l-effikacja tal-ligi u l-effett tad-deterrent sabiex reati simili ma jergghux jitwetqqu kemm mill-imputat u minn persuni ohra jitilfu l-valur taghhom.

Din is-sentenza ser tinghata wkoll bit-tama li l-imputat stess jara l-perjodu ta' inkarcerazzjoni bhala boxxla gdida biex jibdel id-direzzjoni ta' hajtu darba w ghal dejjem. L-imputat ghadu guvni ta' eta' zghira, u huwa fl-akbar interess tieghu li jdawwar hajtu issa u jaqbad triq produttiva li tista' twasslu ghall-kuntentizza. Hekk kif donnu kien gja' qed jaghmel l-imputat meta hass il-piz ta' din il-kawza fuq spallejh huwa ghandu jkompli jindirizza l-kwistjonijiet personali tieghu anke waqt il-perjodu effettiv ta' din is-sentenza, u dan sabiex ikun f'qaghda li, fi tmiem il-piena moghtija lilu, ikun resaq ferm aktar lejn hajja aktar stabbli u kostruttiva. Huwa ghandu juza dan il-perjodu ta' inkarcerazzjoni sabiex jindirizza d-difikultajiet tieghu kif ukoll jiddeciedi kif u 'il fejn ser idawwar hajtu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikoli 42, 261(c), 267, 279(b) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta fuq ammissjoni ta' l-imputat Kane Grima issibu hati tat-tlett imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah perjodu ta' (15) hmistax il-xahar prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Trattament, liema ordni qieghda issir ghall-perjodu ta' tliet (3) snin skond l-anness digriet u dan sabiex (i) il-hati ikompli b'kull kura necessarja sabiex jindirizza l-vizzji li ghandhu u (ii) jinghata assistenza psikologika sabiex ikun jista jindirizza t-trawmi li ghadda minnhom fil-passat u li kellhom impatt fuqu.

Il-Qorti tordna wkoll li l-hati ikompli jigi ssorveljat minn ufficjal tal-Probation u Parole ghal perjodu ta' tlett snin u li ghandu jikkoordina mad-Direttur tal-Habs sabiex waqt li l-hati ikun qieghed jiskonta din il-piena ikompli bit-trattament mehtieg b'mod immedjat.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin li waqt li l-hati jkun fil-perjodu ta' inkarcerazzjoni, u safejn jaccetta l-istess hati, jigi offrut u jinghata kull opportunita possibli sabiex itejjeb il-livell ta' edukazzjoni tieghu u/jew jitghallem sena li eventwalment jghinnuh jintegra ruhu fil-hajja tax-xoghol u s-socjeta.

Komunika: Direttur tal-Facilita Korettiva ta' Kordin

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Kane Grima ihallas lir-Registratur l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta fis-somma komplessiva ta' tmien mija, disgha u hamsin Euro u erbatax il-centezmu (€859.14) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez ta' l-espert Martin Bajada fl-ammont ta' €729.71.[2]
2. Spejjez tar-rapport ta' PC1331 D Debattista u WPS 293 M Camilleri fl-ammont ta' €129.43[3]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

[2] Folio 83 ta' l-atti processwali
[3] Folio 116 ta' l-atti processwali

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Kane Grima taħt obbligazzjoni tieghu u personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) li ghandha tibda tiskonta wara li jkun lesta l-perjodu ta' inkarcerazzjoni.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum id-29 ta' Ottubru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**